MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 474/2005

**Paul Magro (ID 857035 (M) f'ismu propju u f'isem l-assenti Ignatius *sive* Lino Magro, Josephine *sive* Jessie mart Anthony Gatt u Maria Lourdes *sive* Lourdes mart Giuseppe Campanaro kif debitament awtorizzat, kif ukoll Maria Dolores *sive* Doris Buttigieg (ID Nru 537540 (M)); Salvina *sive* Sina Magro (ID Nru 465639 (M)); kif ukoll l-eredi ta' Amata Falzon nee` Magro u cioe` Emanuel Falzon (ID Nru 15029 (M) f'ismu propju u f'isem l-assenti Laura Baldacchino (Passaport Malti Nru 572619) kif debitament awtorizzat; kif ukoll Caroline Aquilina (ID Nru 534065 (M); Renato Falzon (ID Nru 410872 (M) Nadette Azzopardi (ID Nru 320376 (M); kif ukoll l-eredi ta' Joseph Magro u cioe` Aldo Magro (ID Nru 39175 (M); in-Nutar Gertrude Farrugia Wismayer (ID Nru 189577 (M) u Mary Magro (ID Nru 21448 (M) kif ukoll, Peter Magro (ID Nru 548857 (M).**

**vs**

**Maria Assunta mart Raymond Farrugia (ID Nru 199537 (M), Giovanna mart Stephen Caruana (ID Nru 573143 (M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' Mejju 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-atturi kollha, hlief ghal Peter Magri, huma ko-proprjetarji tal-ghalqa li tinsab fil-limiti tal-Qrendi, fil-kontrada maghrufa bhala Taz-Zellieqat tal-kejl ta' circa tomnejn jew ahjar elfejn mitejn u sebgha u disghin metru kwadru (2,297mk), liema ghalqa tinsab mqabbla mill-istess atturi lill-attur l-iehor Peter Magri.

Illi l-konvenuti, bil-mohbi tal-atturi, bil-vjolenza u b'mod abbuziv, dahlu fl-ghalqa su riferita u fixklu lill-atturi fil-pussess taghhom billi bnew cint u b'hekk l-atturi m'ghandhomx access ghall-parti mill-ghalqa proprjeta' taghhom.

Illi dan l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll u jaghti lok ghall-ezercizzju tal-azzjoni ta' spoll privileggjat.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Illi l-konvenuti ikkommettew spoll fil-konfront tal-atturi meta abbuzivament, klandestinament u bi vjolenza dahlu fl-ghalqa fil-limiti tal-Qrendi, fil-kontrada maghrufa bhala Taz-Zellieqat tal-kejl ta' circa tomnejn jew ahjar elfejn mitejn u sebgha u disghin metru kwadru (2,297mk) u fixklu lill-atturi fil-pussess taghhom ta' din l-ghalqa billi bnew cint u b'hekk l-atturi m'ghandhomx access ghall-parti mill-ghalqa ndikata aktar 'l fuq.

2. Jigu ordnati u kkundannati sabiex jipprestinaw lill-atturi fid-drittijiet u godiment tal-art indikata aktar 'l fuq u sabiex jaghmlu x-xoghlijiet kollha mehtiega sabiex jitnehha l-hajt mibni mill-istess konvenuti u jew agenti taghhom, anke bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas, jergghu jirriprendu l-pussess tal-istess u jwettqu x-xoghlijiet kollha mehtiega biex jitnehha l-hajt mibni mill-istess konvenuti u jew agenti taghhom u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni, a spejjes tal-istess konvenuti.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra ghad-danni kontra l-konvenut u bl-ispejjes kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti sabiex jixhdu u ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 13 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2005.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 1 ta’ Gunju 2005 a fol. 19 tal-process fejn esponew:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi huma ilhom fil-pussess tal-proprjeta` in kwistjoni skont kuntratt ta’ divizjoni tad-19 ta’ Awwissu 1987 fl-atti tan-Nutar Nikola Said li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument “MAF 1”, liema proprjeta` kienet intirtet minghand missierhom Carmelo Cutajar li min-naha tieghu kien wiritha minghand zijuh Salvatore Cutajar li miet fid-9 ta’ Lulju 1929 u li l-wirt tieghu ddevolva fuq missierhom u zijuhom Salvatore Cutajar (hu missierhom) bit-testment tieghu tal-20 ta’ Frar 1929 fl-atti tan-Nutar Giovanni Caruna.

2. Illi l-art in kwistjoni kienet ilha fil-pussess taghhom u qabilhom ta' missierhom u ta' zijuhom u qabel dan tal-pro ziju taghhom, ghal aktar minn disghin sena.

3. Illi fl-1978 u/jew qabel m'ghamlu l-qasma in kwistjoni, huma qabbdu lill-Perit Anthony Borg biex jiddemarkalhom l-art in kwistjoni tant illi huwa acceda fuq l-art in kwistjoni u kien ghamel sinjali biz-zebgha fuq l-istess art biex jindika liema kienet l-art tal-konvenuti.

4. Illi barra minn hekk l-art tal-atturi hija biswit l-art tal-konvenuti u mill-kuntratt tal-istess atturi, jirrizulta li ghanhom servitu` ta' passagg bir-rigel ghal fuq l-art tal-konvenuti. Illi *inoltre* dan ifisser illi la l-atturi ghandhom obbligu ta' passagg minn fuq l-art taghhom, u l-art taghhom taghti biss ghal proprjeta` tal-konvenuti, allura bl-ebda mod mal-istess atturi jistghu jippretendu illi l-art in kwistjoni m' hijiex tal-konvenuti imma hija taghhom.

5. Illi l-konvenuti jiftakru lil missierhom u lil zijuhom minn mindu kienu zghar, immorru fuq il-blat in kwistjoni, jaqtghu l-harrub.

6. Illi l-**artikolu 434 tal-Kodici Civili** jistipula li kull persuna ghandha jedd tibni hajt jew bini fuq il-linja tal-konfini tal-art taghha u ghalhekk qatt ma jista' l-bini ta' dan il-hajt jikkostitwixxi spoll kif lamentat minghand l-atturi.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 20 u 21 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol. 21 sa fol. 44 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri mis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2005 sas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2005.

Rat in-nota attrici datata 28 ta' Ottubru 2005 fejn gie esebit l-affidavit tal-attur Paul Magro datat 19 ta' Ottubru 2005 u dokokumenti esebiti bhala Dok. "PM 1" sa Dok. "PM3".

Rat in-nota attrici datata 5 ta' Novembru 2005 fejn gie esebit l-affidavit ta' Joseph Farrugia bhala Dok. "JF001".

Rat in-nota attrici datata 14 ta' Novembru 2005 fejn gie esebit l-affidavit ta' Salvina *sive* Sina Magro (Dok. "0002").

Rat ix-xhieda ta' Peter Magri datata 2 ta' Dicembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tat-12 ta' Jannar 2006 fejn il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Valerio Schembri bl-iskop li jsir access fuq il-post u tigi identifikata l-ghalqa mertu tal-kawza odjerna u l-allagat cint, kollox a spejjez provizorjament attrici, u jisma' x-xhieda attrici fuq l-istess u jipprezenta pjanta ta' dak ndikat lilu u jekk ikun il-kaz ritratti relattivi. L-iskop ta' din in-nomina hu li jigi identifikat l-oggett tal-allegat spoll u l-lok tieghu. Il-kawza giet differita ghas-6 ta' Gunju 2006 ghall-prezentata tar-rapport.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fit-12 ta' Jannar 2006.

Rat ir-rikors tal-konvenuti datat 19 ta' Jannar 2007, ir-risposta datata 5 ta' Frar 2007, u d-digriet ta' din il-Qorti datat 7 ta' Frar 2007 fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku Valerio Schembri datat 31 ta' Ottubru 2007 milqugh b'digriet datat 6 ta' Novembru 2007 u r-rikorsi ohra tal-istess Perit Tekniku u d-digriet relattivi.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri prezentat fit-13 ta' Mejju 2008 u mahluf fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2009 (fol. 115 sa 155).

Rat il-verbali tas-seduti u accessi mizmuma mill-perit tekniku u x-xhieda ta' Paul Magro datata 25 ta' Mejju 2006

u l-kwerela li saret mill-atturi u esebita bhala Dok. “PM 01” (fol. 163) u l-verbali kollha nkluzi datati 12 ta’ Ottubru 2006, 12 ta’ Dicembru 2006, 9 ta’ Jannar 2007, 15 , 22 u 29 ta’ Marzu 2007, 17, 24 u 31 ta’ Mejju 2007, 5 u 12 ta’ Gunju 2007, 11 u 25 ta’ Ottubru 2007, u 15 u 22 ta’ Novembru 2007 fejn il-partijiet qablu li x-xhieda migbura fis-seduti li nzammu fl-istess jum fl-atti tal-kawza Il-Pulizija vs Maria Assunta Farrugia et ghandha tkun valida ghall-effetti kollha tal-ligi anke ghal din il-kawza (fol. 167); ix-xhieda ta’ Peter Magri datata 12 ta’ Ottubru 2006 (fol. 168); ta’ Peter Paul Caruana datata 9 ta’ Novembru 2006 (fol. 172); ta’ Sina Magro datata 12 ta’ Dicembru 2006 (fol. 181) u kontro-ezami taghha datat 11 ta’ Ottubru 2007 (fol. 303); ta’ Paul Magro datata 9 ta’ Jannar 2007 (fol. 192); ta’ Manuel Cutajar datata 18 ta’ Jannar 2007; ta’ Maria Assunta Farrugia datata 15 ta’ Frar 2007 (fol. 221); tal-Perit Anton Zammit datata 13 ta’ Marzu 2007 (fol. 226); ta’ Maria Farrugia datata 15 ta’ Marzu 2007 (fol. 231); ta’ Claude Sapiano ghar-Registratur tal-Artijiet tad-29 ta’ Marzu 2007 (fol. 248), 17 ta’ Mejju 2007 (fol. 256) u 24 ta’ Mejju 2007 (fol. 279) u 12 ta’ Gunju 2007 (fol. 291); ta’ Michael Caruana datati 29 ta’ Marzu 2007 (fol. 248); ta’ Maria Farrugia datata 12 ta’ Gunju 2007 (fol. 292) u l-kontro-ezami taghha datat 15 ta’ Novembru 2007 (fol. 332) u 27 ta’ Novembru 2007 (fol. 341); ta’ Giuseppe Aquilina datata 25 ta’ Ottubru 2007 (fol. 328) u l-kontro-ezami tieghu datat 22 ta’ Novembru 2007 (fol. 337); rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Jannar 2008 (fol. 346/347) fejn il-partijiet iddikjaraw li ghalqu l-provi u awtorizzaw lill-Perit Tekniku jghaddi ghar-rapport.

Rat in-nota attrici datata 19 ta’ Novembru 2008 (fol. 351) u r-risposti tal-Perit Tekniku datati 25 ta’ Frar 2009 (fol. 358).

Rat in-nota tal-konvenuti datata 12 ta’ Frar 2008 (fol. 355) u r-risposti tal-Perit Tekniku datati 25 ta’ Frar 2008 (fol. 359).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta 7 ta’ Mejju 2009 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet li trattaw il-kaz u l-

kawza giet differita ghall-25 ta' Gunju 2009 ghas-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-kawza odjerna hija wahda ta' spoll privileggat u fil-fatt huwa pacifiku l-principju illi fl-*actio spolii* hija rikonoxxuta lil kwalunkwe persuna li jkollha l-pussess, ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli basta li bhala fatt materjali dak il-pussess ikun fil-persuna vittma tal-ispoll ghandu d-dritt li jipproteggi dak il-pussess bhala fatt minn kull att spoljattiv anke kontra persuna li tippretendi li ghandha dritt fuq l-istess oggett **("Paul Demarco –vs- Francesco Fiteni –** P.A. 6 ta' Gunju 1957).

Illi fil-fatt inghad fil-kawza fl-ismijiet ("**Angelo Pisani –vs- Edwin Ferris**" – P. A. - 30 ta' Jannar 1989) illi *"l-kuncett bazilari ta' l-azzjoni tal-ispoll huwa dak tal-ordni socjali bbazat fuq dik l-istabilita` guridika li trid li kull bidla possibbli trid issir fit-termini u fil-parametri li trid il-ligi stess"*

Illi proprju ghalhekk jinsab affermat li *"l-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa indubbjament ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita` privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati, u ma' dak l-artikolu huwa marbut l-iehor tal-Procedura Civili li jahseb u jghid li kontra*

*azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji"* (**"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** – P.A. 12 ta' April 1958).

Illi dawn il-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, inkluza dik fl-ismijiet **"Clive Simpson *nomine vs* Louis Muscat et."** (P.A. RCP. 13 ta' Frar 2001) ibbazati fuq l-**artikolu 534 tal-Kap. 16 u l-artikolu 791 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u huma mibnija fuq it-tlett rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrjentement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said"** (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u **"Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe"** (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-gurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b' titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew di fatto, izda mhux ta' mera tolleranza (**"Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine**" – A.C. 26 ta' Jannar 1996).

(b) "*L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest*" (**"Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna"** P.A. (HH) 21 ta' Frar 1983), pero` "*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll*" (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**"Camilleri vs Giglio"** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza **“Marthese Borg vs Gorg Borg”** (P.A. – 25.2.1993) inghad li:-

“*L-univocita` ta’ tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*”

Illi dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet **“Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut”** (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta’ April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-

“*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b’ mod konklussiv li kellu ‘un possesso di fatto’ u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta’ fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta’ din l-azzjoni.*” (**“Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius”** – P.A. 5 ta’ Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi tal-**artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

“*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*”

Illi hekk il-kawza **“Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et”** (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta’ Gunju 1998 gie riaffermat li:-

“*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta’ spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta’ pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta’ spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f’ ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x’ jghidu u x’ ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*” (**“Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone”** – Appell 9.3.1992). Tal-istess portata hija s-sentenza **“Mariano Farrugia et nomine vs**

**Peter Paul Cutajar"** (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** – P.A. (A.M.) 24 ta' Jannar 1958; **"Joseph Vella vs Salvu Micallef"** – P.A. (JSP) 30 ta' April 1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**"Margherita Fenech vs Paolo Zammit**" – P.A. 12 ta' April 1958 - Vol XLLI. Pg. 973; **"Carmelo Sacco vs Paul Sacco"** – A.C. - 23 ta' Jannar 1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza **"Alfred Pisani et vs Victor Farrugia"** ( P.A. (FGC) – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkometti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir "*fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv*", b' dan li skont il-pronunzjament fis-sentenza **"Norman Vassallo vs Filomena Esposito"** (A.C. – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat*

*ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skont l-**artikolu 562 tal-Kap 12**, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li skont l-affidavit ta' Paul Magro u d-dokumenti annessi mieghu (a fol 48 sa 52 tal-process) l-ghalqa mertu tal-kawza kienet imqabbla lil Peter Magri u qablu lil missieru George u qabel dawn lil Joesph Aquilina u missieru Anthony Aquilina. Huwa jghid li ricentament inbena hajt muri fuq Dok. "PM2", liema hajt qed itellef l-istess bidwi. Il-hajt sar, skont Magro, mill-konvenuti jew agenti taghhom kontra r-rieda espresso ta' l-atturi. Joseph Farrugia fl-affidavit tieghu jghid illi ghandu ghalqa biswit dik mertu tal-kawza u li ilu jahdem l-ghalqa tieghu ghal *circa* erbghin sena. Huwa qatt ma ra lil xi membru tal-familja tal-konvenuti jew lill-istess konvenuti fl-ghalqa biswit dik li jahdem hu.

Illi Peter Magri xehed fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2005 u wkoll quddiem il-Perit Tekniku fit-12 ta' Ottubru 2006 u spjega kif ilu jahdem l-ghalqa mertu tal-kawza fl-inhawi maghrufa bhala taz-Zellieqat fil-limiti tal-Qrendi, ghal *circa* tletin (30) sena u kien ihallas il-qbiela tal-istess ghalqa lill-atturi Magro. Kien jahdem l-ghalqa kollha sakemm sar il-hajt mertu tal-kawza u li b'hekk ma setax jahdem l-ghalqa kollha hekk kif kien jahdem qabel. L-istess xhud jghid li kien jaf lill-konvenuti u l-familjari taghhom pero' qatt ma kien rahhom fl-ghalqa in kwistjoni. Fid-deposizzjoni quddiem l-Perit Tekniku x-xhud qal illi kien jaf lill-konvenuti u l-familjari taghhom pero` qatt ma kien rahhom fl-ghalqa in kwistjoni.

Illi dwar il-hajt mertu tal-kawza odjerna jghid ukoll li kien biss dan l-ahhar li saru xi gebel fl-ghalqa ghalkemm ma jindikax meta sar dan, pero' b'dan kien mar jghid lill-attrici Sina Magro dwar il-hajt izda jghid illi ma kienx rah jitqieghed.

Illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2006 xehed Peter Paul Caruana li kien irrediga *survey* ta' l-akkwati mertu tal-kawza fuq inkarigu tal-Perit Saviour Borg ghall-konvenuti.

Huwa jghid u jikkonferma li sab xi marki fuq il-post u li ma kienx hemm hajt fuq il-post fejn kien ta’ l-linja. Fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2006 l-attrici Sina Magro li kkonfermat li fis-16 ta’ April 2005 kien hemm is-sitwazzjoni hekk kif tidher fuq Dok. “SM121201” (fol. 184) u aktar tard tela l-hajt kif jidher f’ritratti ohra esibiti minnha.

Illi fil-kontro-ezami taghha datat 11 t’Ottubru 2007 quddiem il-Perit Tekniku, l-istess Sina Magro tikkonferma illi hemm dritt ta’ passagg fuq l-art taghhom u fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2007 hija tikkonferma illi dan id-dritt huwa favur il-konvenuti pero` tghid li sa fejn taf hi l-istess konvenuti ma kellhom l-ebda parti mill-ghalqa mertu tal-kawza.

Illi fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2007 xehed Manuel Cutajar, li jispjega li huwa l-kugin tal-konvenuti u li kien involut f’divizjoni ma’ l-istess konvenuti. Cutajar jaghmel referenza ghal numru ta’ dokumenti esebiti in atti inkluz pjanta antika esebita Dok. “MF 06” u dan senjatament ghal dak li jirrigwarda d-divizjoni. Muri d-dokumenti u kopja tar-ritratti mmarkati bhala Dok. “SM121202” sa Dok. “SM121203” jghid li dak li jidher fl-istess ritratti mhux il-hajt l-antik pero’ f’dak il-post dejjem kien hemm dejjem hajt dobblu u l-parti ta’ Magro kienet dik vicin it-triq u dik tal-konvenuti kienet fil-parti ta’ gewwa. Jispjega wkoll li l-hajt jiftakru hemm wara l-1978.

Illi Guzeppi Aquilina ddepona fis-seduta tat-30 ta’ Jannar 2007 u jghid illi l-atturi ghandhom ghalqa f’Taz Zellieqat u cioe’ l-akkwati mertu tal-kawza u li lill-konvenuti personalment ma jafhomx fuq il-post pero’ jghid illi minn certu punt ’il gewwa jaf li huwa tal-familja Cutajar. Jispjega li ghalkemm ilu li telaq ir-raba’ in kwistjoni xi tletin (30) sena hu kien jahdem mill-kamra li hemm mat-triq sa sinjal fejn kien hemm ukoll hajt tas-sejjieh ta’ gholi *circa* zewg piedi u nofs. Fis-seduta tat-13 ta’ Marzu 2007, il-Perit Anton Zammit spjega li l-konvenuti kienu klijenti tieghu u li kienu marru jkellmuh fl-2005 dwar l-ghalqa mertu tal-kawza. Jghid ukoll li kien ghamel xi pjanti. Ghalkemm intwera Dok. “SM 121201” sa Dok. “121206” jghid li ma

gharafx il-post, izda l-istess Perit Zammit jikkonferma illi cnut fin-nofs ma kienx hemm fin-1996.

Illi fix-xhieda taghha tal-15 ta' Marzu 2007 l-konvenuta Farrugia tispjega kif fejn illlum hemm ic-cint qabel kien hemm hajt antik. Spjegat ukoll illi meta telghet fuq il-post sabet l-art mahruta u kellmet lill-attrici Sina Magro dwar dan. Wara li tispjega kif mir-ricerki rrizulta illi l-art taghhom kienet irregistrata fuq l-atturi u l-varji accessi li saru bejn il-partijiet fuq il-post, tghid ukoll li finalment saret kawzjoni. Fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2007 xehed Dr Claude Sapiano in rappresentanza tar-Registru ta' l-Artijiet li xehed kif saret kawzjoni mill-konvenuti Farrugia u Caruana minhabba l-fatt illi l-art taghhom kienet giet irregistrata mill-atturi Magro.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali fl-ewwel lok il-Qorti trid tara jekk il-kawza gietx intavolata *entro* t-terminu ta' xahrejn iffissata mill-ligi. Il-bidwi, parti in kawza, li kien qieghed jahrat l-art ma ftakarx meta gie maghmul ic-cint izda huwa kien informa lill-attrici Sina Magro meta induna bic-cint. Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2006 l-attrici Sina Magro kkonfermat li f'April 2005 kien hemm is-sitwazzjoni hekk kif tidher fuq Dok. "SM121201" (fol. 184) u kien biss aktar tard li tela l-hajt kif jidher f'ritratti ohra esibiti minnha. Dan iffisser illi l-hajt in kwistjoni ttella bejn is-16 ta' April 2005 u t-18 ta' Mejju 2005. Mhux hekk biss izda jirrizulta li kwerela dwar l-istess spoll saret fit-12 ta' April 2005 u allura la darba c-citazzjoni attrici giet pprezentata fit-18 ta' Mejju 2005 b'hekk huwa car li l-istess kawza saret fit-terminu tax-xahrejn preskritt mill-ligi. Ghandu jinghad illi ma kienx hemm kontestazzjoni dwar dan da parti tal-konvenuti.

Illi fl-istess waqt din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-atturi kellhom pussess tal-istess ghalqa mertu tal-kawza odjerna u dan peress li kienu jgawdu l-pussess tal-istess *tramite* Peter Magri li kien jahdem l-istess ghalqa bi qbiela, liema ghalqa kienet tikkonsisti f'porzjoni ta' art maghrufa bhala Taz-Zellieqat, u liema parti li kienet tinhadem mill-istess bidwi kienet tinkudi l-parti fejn sar ic-cint mertu tal-kawza odjerna u b'hekk l-atturi huma

kkonsidrati bhala persuni li gew spoljati mill-pussess taghhom u dan proprju fejn sar il-hajt mill-istess konvenuti.

Illi dan qed jinghad fl-isfond tal-principju li f'azzjoni ta' spoll kull ma' jrid jaghmel l-attur ghas-success ta' l-azzjoni tieghu huwa *"li jipprova biss li fil-mument meta allegatament avvera ruhu l-att spoljattiv hu kien fil-pussess ta' l-oggett li minnu kien spoljat. Ma kienx mehtieg minnu li jipprova xi titolu tal-pussess tieghu. Kien il-fatt fiziku tal-pussess li kien rilevanti ghall-materja ta' spoll gjaladarba jkun eskluz li l-persuna spoljata tkun qed tiddetjeni l-fond b' mera tolleranza"*– **"Joseph Vassallo Gatt *nomine* –vs- Joseph Camilleri *proprio et nomine*"**, A.C. -26 ta' Jannar 1996.

Illi fil-fatt mill-provi jirrizulta li l-attur Peter Magri ilu ghal diversi snin jahdem f'din l-ghalqa in kwistjoni. Jirrizulta li huwa kien ilu tletin sena shah jahdem l-ghalqa kollha u jhallas il-qbiela taghha lill-atturi l-ohra. Minn meta sar il-hajt mertu tal-kawza, hu ma fadallux access ghall-ghalqa kollha kif kellu qabel. Jirrizulta ukoll illi qabel sar il-hajt kien hemm xi gebel izda l-ghalqa kien jahratha kollha hu. Kemm is-*suryeror* Peter Paul Caruana, kif ukoll il-Perit Anton Zammit ikkonfermaw illi l-hajt muri fuq Dok. "SM121201" u d-Dok. QRD 1 sa Dok. QRD 4 u wkoll f'Dok. PM 2, mertu tal-kawza odjerna hekk kif ukoll konstatat mill-Perit Tekniku waqt l-access, ma kienx jezisti meta accedew huma fuq l-istess post.

Illi lanqas ma jezisti dubju illi l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u abuziv. Dan anke ghaliex jikkonsisti f'att arbitrarju li *marte proprio* sar kontra l-volonta` ta' l-atturi. Kif ahjar imfisser, *'mhux mehtieg li jkun hemm il-privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet, jew hsara lil min isofri l-ispoll; u ghalhekk huwa wkoll indifferenti z-zmien li jkun dam l-ispoll u l-entita` tat-tfixkil jew hsara lill-ispoljat'* (**"Caterina Vella –vs- Giovanni Vella"** – P.A. - 4 ta' Novembru 1957).

Illi l-istess fid-deposizzjoni taghha l-konvenuta Farrugia tispjega kif wara li hallew lil iben il-bidwi Peter Magri jaqla

l-wicc li kien zergha, l-konvenuti kienu nkarigaw lit-tfal taghhom Joe Farrugia u Karmnu Caruana sabiex itellghu c-cint mertu tal-kawza u dan fil-post fejn kien hemm qabel skont hija l-hajt l-antik, u fuq parir tan-Nutar Philip Said u skont il-marki tal-Perit Borg. Il-konvenuta tghid illi *"Magro qaltli li minn gewwa sa barra huwa kollu taghhom u dan qabel sar il-hajt'.* Fix-xhieda taghha tat-12 ta' Gunju 2007 tghid illi *'lil Sina Magro ma tlabnihiex permess biex intellghu il-hajt, ghaliex hemm taghna…".* Dan jinsab ukoll riportat f'paragrafu 16 ta' pagna 26 (fol. 141) tar-relazzjoni peritali.

Illi fil-fatt fir-relazzjoni tieghu l-istess Perit Tekniku kkonkluda li c-cint mertu ta' l-ispoll mertu tal-kawza odjerna huwa dak indikat bl-ittri "XX" fuq id-Dok. "AA" (fol. 147) hekk riprodott. Dan ic-cint huwa ndikat f'Dok. "QRD 1" sa Dok. "QRD 4" u jibda mill-marka murija fuq id-Dok. "QRD 5". Il-parti ta' l-art li ma hemmx kontestazzjoni dwahra hija l-parti murija mahduma fuq Dok. "QRD 01" u Dok. "QRD 03". Il-parti li hemm kontestazzjoni fuqha hija l-parti mhux mahduma li tibda minn wara c-cint mertu tal-kawza hekk kif tidher f'Dok. "QRD 02" sa Dok. "QRD 04". Dan jinsab ikkonfermat mir-risposti ghall-eskussjoni tal-istess perit tekniku u senjatament f'dawk moghtija fil-25 ta' Frar 2009 (fol. 358). Ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-konvenuti ikkommettew spoll fil-konfront tal-atturi meta bil-mohbi, abbuzivament, klandestinament u bi vjolenza, dahlu fl-ghalqa fil-limiti tal-Qrendi fil-kontrada maghrufa bhala Taz-Zellieqat, tal-kejl ta' *circa* tomnejn jew ahjar elfejn mitejn u sebagha u disghin mertu kwadru (2,297mk) u fixklu lill-atturi fil-pussess taghhom ta' din l-ghalqa billi bnew cint u b'hekk l-atturi m'ghandhomx access ghall-parti mill-ghalqa indikata aktar 'l fuq.

(2) Tordna u tikkundanna lill-konventi sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jippristinaw lill-atturi fid-drittijiet u godiment tal-art indikata aktar 'l fuq u sabiex jaghmlu x-xoghlijiet kollha mehtiega sabiex jitnehha l-hajt mibni mill-istess konvenuti u jew agenti taghhom, u dan taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri li qed jigi nominat ghal tali skop a spejjez tal-istess konvenuti.

(3) Fin-nuqqas tal-konvenuti li jaghmlu tali xoghlijiet fis-zmien qasir u perentorju lilhom prefiss f'din id-decizjoni din il-Qorti tawtorizza lill-atturi jergghu jirriprendu l-pussess tal-istess u jwettqu u jaghmlu x-xoghlijiet kollha mehtiega biex jitnehha l-hajt mibni mill-istess konvenuti u jew agenti taghhom u dan kollu a spejjez tal-istess konvenuti b'dan li l-istess xoghlijiet ghandhom isiru taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri li qed jigi nominat ukoll ghal tali skop a spejjez tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------